# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu 2000

**Numru 5**

**Citaz. numru 1460/91 DS**

Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta` "Formosa & Camilleri Ltd", u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera "The Guardian Royal Exchange Assurance Plc" kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha s-socjeta` "Alfred Hili & Co. Ltd", u b'nota ta' l-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha s-socjeta` Alfred Hili & Co. Ltd. assuma l-vesti ta' attur fil-kwalita` tieghu premessa minflok l-Avukat Dottor Robert Staines ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

vs

Joseph Bowman in rapprezentanza tas-socjeta` W. J. Parnis England Ltd agenti ta' Navigation Maritime Bulgarie armaturi tal-vapur LOVECH, u

Godwin Abela bhala rapprezentant tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd

Illum, 10 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Dicembru 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta' Alfred Hili & Co. Ltd. importat minn Spanja hames mija u disa u hamsin (559) pallet Veneered Chipboard, Melamine Chipboard, u Melamine Coated Fibreboard li waslu Malta fuq il-vapur LOVECH kif jirrizulta mill-poloz ta' kariku Dok. A1, A2, A3 u A4;

Illi meta l-merkanzija giet skarikata f'idejn il-kontratturi tal-Port, il-kompanija The Cargo Handling Co. Ltd. u minghandhom giet konsenjata lis-socjeta' importatrici irrizulta kien hemm danni u hsarat kif indikati fix-Schedule tal-"Small Claims Information Form" Dok. B iffirmat mis-surveyor li ezamina l-hsarat u kkonstata n-nuqqasijiet li huma korrobarati mill-Gate Pass Out rilaxxjat mill-konvenuti Dok. C.

Illi ghal dawn in-nuqqasijiet u hsarat l-assikurazzjoni kif obbligata hallset is-somma ta' elf tmienja u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1059.30) oltre mija u tletin lira Maltin (Lm130) survey fee u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' importatrici Dok. 1 u Dok. 2;

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u hsarat;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi li:

1. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikati;

2. tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' elf tmienja u hamsin lira maltin u tletin centezmu (Lm1058.30) oltre mija u tletin lira Maltin (Lm130) survey fee in linea ta' danni sofferti mill-importatur u ghalhekk surrogat lill-attur skond il-ligi mid-data tal-pagament maghmul mill-attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela noe huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-merkanzija in kwistjoni gie sbarkata minn fuq il-vapur "LOVECH" bis-hsara, u meta l-merkanzija tigi sbarkata f'pakki diffettuza ma; titqies li tkun saret konsenja lis-Suprintendent jew lill-Kuntrattur ai termini tal-Artikolu 86 ta' l-Ordinanaza ta' 1966 dwar il-Portijiet.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bowman nomine fejn qal:

1. Illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghad-danni/nuqqasijiet sofferti mill-attur noe kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Joseph Refalo minnu mahlufa fis-7 ta' Dicembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda hsarat u nuqqasijiet riskontrati mis-socjeta` Alfred Hili & Co. Ltd. f'konsenja ta' chipboard u fibreboard li importat f'Malta f'Dicembru 1990 fuq il-vapur LOVECH. Ghal dawn il-hsarat u nuqqasijiet ghamlet tajjeb is-socjeta` assikuratrici attrici li halset lis-socjeta` importatrici msemmija s-somma ta' Lm1058.30 u dan oltre hlas tas-somma ta' Lm130 bhala *survey fee*. Ghalhekk permezz ta' dawn il-proceduri s-socjeta` attrici qed tfittex biex tigi rimborzata dak li hija halset.

Jigi rilevat l-ewwelnett li mill-poloz ta' kariku esebiti bhala Dok. A1, A2, A3 u A4 (a fol. 5 sa 8 tal-process) jidher li l-merkanzija tghabbiet "under deck" u li din tghabbiet "clean on board".

Mill-*joint tally sheets* Dok. AA, AA1, AA2, AA3 u AA4 (a fol. 28 sa 32 tal-process) jirrizulta li tnizzlu minn fuq il-vapur 25 bundle "loose" u bil-hsara. Karl Flores, li ghamel it-"tallying" ghan-nom tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. fir-rigward tad-Dok. AA1 u

AA4, spjega li b'"loose" ifisser li l-"bundle" ikun sfaxxat u l-aljetta maqtugha. It-"tallying" sar fix-"shed", naturalment tal-Cargo Handling. Meta jidhlu fix-"shed" il-"bundles" ikunu fi "sling", normalment l-istess wahda li biha jinzlu mill-vapur. F'kaz ta' injam, l-iktar li jkun hemm zewg "bundles" f'kull braga. It-"tally clerks" jimmarkaw huma u jinhattu l-"bundles" mis-"sling".

Meta l-merkanzija giet rilaxxata rrizultaw aktar hsarat u anke nuqqasijiet. Difatti mill-"customs entry" Dok. CM1 esebit mill-ufficjal tad-Dwana Carmel Micallef jirrizulta li minn total ta' "393" u ta' "79" "bundles" kien hemm "51 bundles slightly damaged" u zewg "bundles" kienu "short of contents", wiehed kellu "32 sheets" u iehor kellu "24 sheets" (Jigi osservat li fix-xiehda tieghu fis-seduta peritali ta' l-1 ta' Lulju 1994, Carmel Micallef xehed li mill-"customs entry" jirrizulta li "kien hemm 51 bundles 'slightly damaged', li minnhom zewg bundles kienu 'short of contents' wiehed 'by 22' u l-iehor 'by 24'. Hu evidenti li dan mhux korrett. Fuq l-istess Dok. CM1 insibu riportat "of which 51 bdls slightly damaged - 2 bdls short of contents 1 bdl x 32 & 1 x 24 sh". David Spiteri Hili xehed li kien hemm "bundle" li suppost kellu 40 sheet u sabu 32 u "bundle" iehor li suppost kellu 45 sheet u sabu 24. Dawn il-figuri ta' bundles bin-nieqes jirrizultaw anke mill-"gate pass-out" Dok. C1. Dwar jekk dawn iz-zewg "bundles" humiex inkluzi fil-51 jew le mhuwiex car) Il-"134 pallets" rilaxxati skond il-"customs entry" Dok. CM2 ma kellhomx hsarat jew nuqqasijiet. Ta' min ighid pero` li David Spiteri Hili semma nuqqas ukoll f'"bundle" iehor fejn instabu 45 folja minflok 50.

Il-"gate pass-out" Dok. C1, C3, C4, C6, C7 u C10 (a fol. 10, 12, 13, 15, 16 u 19 tal-process) ukoll juru ammont ta' nuqqasijiet u hsarat izda mhux fl-istess numru ta' "bundles".

Mill-banda l-ohra s-"survey report" li sar mis-"surveyor" (Dok. B a fol. 9) jispjega fid-dettall n-nuqqasijiet u hsarat riskontrati. Noel Ellul, marine claims executive tas-socjeta` attrici, spjega li fil-"gate pass-out" ma jigix specifikat ghal liema pallett/bundle/kartuna qed issir ir-rimarka u li r-rimarka fil-"gate pass-out" hija vaga fis-sens li taghti deskrizzjoni generali minghajr ma tispecifika f'liema pallett/bundle/kartuna hija l-hsara u gieli wkoll ma tispecifikax l-ammont tal-hsara.

David Spiteri Hili, direttur tas-socjeta` konvenuta Alfred Hili & Co. Ltd., ma kienx prezenti meta l-merkanzija giet zbarkata izda kien prezenti meta saret il-konsenja mis-socjeta` konvenuta l-ohra Cargo Handling. Huwa kkonferma l-hsarat u nuqqasijiet fis-"survey report".

It-*tally sheet* jiccertifika l-istat li fih il-merkanzija titnizzel minn fuq il-vapur u tittiehed in konsenja mill-Cargo Handling. Meta din tikkonsenja l-merkanzija lill-importatur jigi redatt il-*gate pass-out* li fuqu l-importatur jiccertifika l-istat li fih ikun ircieva l-merkanzija.

F'dan il-kaz huwa car mill-*joint tally sheets* li tnizzlu 25 "bundle" bi hsarat minn fuq il-vapur. Dan ifisser li l-Cargo Handling hadu l-merkanzija in kwistjoni in konsenja bi hsara f'25 "bundle". Issa ghalkemm mill-"gate pass-out" esebiti jirrizultaw hsarat fi 32 "bundle", mill-"customs entry" relattiv meta gew rilaxxati jirrizultaw hsarat f'51 "bundle" u nuqqasijiet f'zewg "bundles".

Dan ifisser li ghal 25 "bundle" huma responsabbli t-trasportaturi filwaqt li ghall-kumplament huma responsabbli l-Cargo Handling. Mill-provi prodotti u d-dokumenti esibiti mhuwiex possibbli li tigi identifikata l-ammontanti ta' hsarat f'kull "bundle" peress li fl-ebda istanza, la meta tnizzlet il-merkanzija minn fuq il-vapur u lanqas meta giet konsenjata lill-importatur, ma giet specifikata f'liema "bundles" partikolari kien hemm tali hsarat u lanqas l-entita` ta' tali hsarat fil-"bundles" individwali.

Ghal dak li jirrigwarda n-nuqqasijiet pero` l-Qorti hija tal-fehma li dawn graw meta l-merkanzija kienet f'idejn il-Cargo Handling. U dan qed tghidu peress li mill-*joint tally sheets* jirrizultaw biss hsarat u mhux ukoll nuqqasijiet. Ghalhekk filwaqt li ghan-nuqqasijiet ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., ghall-hsarat ghandhom iwiegbu f'porzjonijiet ugwali z-zewg socjetajiet konvenuti.

Is-socjeta` assikuratrici halset Lm1058.30 ghad-danni lis-socjeta` importatrici u Lm130 bhala *survey fees*.

Il-valur tan-nuqqasijiet, a bazi tal-valuri ndikati fid-Dok. B (a fol. 9) u fid-Dok. E1 u E2 (esebiti fis-seduta peritali tat-13 ta' Marzu 1992), qieghed jigi stabbilit fis-somma ta' Lm145. Din is-somma mnaqqsa minn Lm1058.30 iggib il-valur tal-hsarat bhala Lm913.30. Kull wiehed mill-konvenuti nomine ghandu jhallas in-nofs, cioe` Lm456.65 kull wiehed.

Il-konvenut Joseph Bowman nomine ghandu b'hekk ihallas Lm456.65 u l-konvenut Godwin Abela nomine ghandu jhallas Lm601.65.

Is-*survey fees*, li kienu necessitati biex jigi determinat bi precizjoni l-ammontanti ta' hsarat u nuqqasijiet, jigu apporzjonati Lm55 li jithalsu mill-konvenut Joseph Bowman nomine u Lm75 mill-konvenut Godwin Abela nomine.

Ghalhekk il-konvenut Joseph Bowman nomine ghandu jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm511.65 (Lm456.65 + Lm55) filwaqt li l-konvenut Godwin Abela nomine ghandu jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm676.65 (Lm601.65 + Lm75).

Ghal dawn l-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat kif fuq indikati,
(2) tikkundanna lill-konvenut Joseph Bowman nomine jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm511.65 in lineja ta' danni u *survey fees* kif fuq spjegat,
(3) tikkundanna lill-konvenut Godwin Abela nomine jhallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' Lm676.65 in lineja ta' danni u *survey fees* kif fuq spjegat.

Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal zewg kwinti (2/5) mill-konvenut Joseph Bowman nomine u kwantu ghal tliet kwinti (3/5) mill-konvenut Godwin Abela nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**